MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1150/2007

**Joseph Zammit Tabona bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange p.l.c (C42525) u Jill armla ta` Alfred Camilleri, Stephen Camilleri u Michelle Camilleri, dawn l-ahhar tlieta ghal kull interess li jista` jkollhom**

***kontra***

**Joseph N Tabone ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Citadel Insurance PLC" u din in rapprezentanza legali ta` "Le Assicurazioni d`Italia S.P.A - Assitalia**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat presentat fil-<u>5 ta` Novembru 2007</u> li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` intimata harget favur tar-rikorrenti `Business Travel Insurance Policy` Numru AC 5900592006351 biex tkopri mpjegati tal-Malta Stock Exchange ghal `Accidental Bodily Injury and Medical Expenses` li jistghu jigu sofferti minnhom in konnessjoni mal-business ta` l-istess Stock Exchange.*

*2. Illi fil-11 ta` Novembru 1992 is-socjeta` intimata giet infurmata illi Alfred Camilleri, Chairman tal-Malta Stock Exchange kien sejjer jivvjagga fuq xoghol tal-Exchange fi Brussels, Brazil u Argentina tul il-perjodu tat-12-30 ta` Novembru 1992.*

*3. Illi meta l-istess Alfred Camilleri fit-18 ta` Novembru 1992 kien il-Brazil ghereq f`incident u miet.*

*4. Illi skond it-termini tal-imsemmija polza s-socjeta` ntimata kienet obbligata li thallas lis-socjeta` assikurata cioe` lis-socjeta` rikorrenti somma ta` flus kif specifikata fl-`Schedule of Benefits` annessa mal-istess polza fil-kaz bil-persuni hemm imsemmija, fosthom ic-Chairman Alfred Camilleri, jsofri Bodily Injury kagunata b`incident li jwassal ghall-mewt u dan matul il-vjagg li jsir in konnessjoni mal-business tal-Malta Stock Exchange, kif fil-fatt gara f`dan il-kaz.*

*5. Illi s-socjeta` rikorrenti b`citazzjoni pprezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fid-9 ta` Lulju 1993 fil-kawza fl-ismijiet `Patrick Staines Noe –vs- David Curmi Noe` (Citaz. Nru 953/93) talbet lil din il-Qorti biex tiddikjara illi s-socjeta` ntimata kienet obbligata thallas id-danni kollha*

*rizultanti mill-mewt ta` Alfred Camilleri, lis-socjeta` rikorrenti skond it-termini tal-Polza tal-Assikurazzjoni Numru AC 5900592006351 mahruga minnha favur l-istess socjeta` rikorrenti.*

*6. Illi b`sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta` Jannar 1999 iddecidiet il-kawza billi laqghet it-talba tas-socjeta` rikorrenti u ddikjarat illi s-socjeta` intimata hija obbligata li thallas id-danni kollha rizultanti mill-mewt ta` Alfred Camilleri skond it-termini tal-Polza tal-Assikurazzjoni in kwistjoni, b`riserva illi s-socjeta` rikorrenti titlob il-likwidazzjoni ta` dawn id-danni f`gudizzju separat.*

*7. Illi s-socjeta` intimata appellat din is-sentenza u l-Qorti tal-Appell b`sentenza moghtija fid-9 ta` Jannar 2007 cahdet l-appell tas-socjeta` ntimata u kkonfermat is-sentenza appellata bl-ispejjez (Dok B).*

*8. Illi s-socjeta` intimata fis-7 ta` Mejju 2007 hallset lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` mitt elf lira flus Maltin (Lm100,000) skond it-termini tal-istess polza flimkien ma` l-ispejjez tal-kawza u VAT kif jidher mill-annessa `Discharge Form` (Dok C).*

*9. Illi s-socjetajiet kontendenti ftehmu illi s-socjeta` rikorrenti kienet qieghda taccetta l-imsemmija somma minghajr pregudizzju ghal kull ammont ta` danni ulterjuri li kienet intitolata ghalihom skond il-ligi u dan kif jidher mill-imsemmija `Discharge Form`.*

*10. Illi fit-28 ta` Mejju 2007 is-socjeta` rikorrenti nterpellat b`ittra ufficjali lis-socjeta` ntimata biex thallas is-somma ta` mija u hmistax-il elf, tmien mija u wiehed flus Maltin (Lm115,801.00) in linea ta` danni rapprezentanti imghax tat-tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma ta` mitt elf lira flus Maltin (Lm100,000) ghal perjodu 18 ta` Novembru 1992 - 8 ta` Mejju 2007 peress illi s-somma dovuta skond*

*il-Polza tal-Assikurazzjoni ma thallsitx meta kienet dovuta u b`hekk is-socjeta` rikorrenti sofriet hsara skond l-Artikli 1139 u 1047 tal-Kodici Civili.*

*11. Illi sal-lum is-socjeta` intimata, bhal qabel, qeghda tirrifjuta li thallas dawn id-danni.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din il-Qorti –*

*(1) Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-hlas tad-danni minnha sofferti minhabba dewmien ingustifikat tal-esekuzzjoni tal-obbligi taghha li thallas l-ammont dovut skond l-imsemmija Polza tal-Assikurazzjoni meta kien dovut.*

*(2) Tikkundanna lis-socjeta` ntimata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti in linea ta` danni s-somma ta` mija u hmistax -il elf tmien mija u wiehed flus Maltin (Lm115,801.00) rapprezentanti imghax tat-tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma ta` mitt elf lira flus Maltin (Lm100,000) ghal perjodu 18 ta` Novembru 1992 – 8 ta` Mejju 2007 skond il-ligi kif premess.*

*(3) Thallas ukoll l-imghax fuq l-imsemmija somma ta` mija u hmistax -il elf tmien mija u wiehed (Lm115,801.00) mit-8 ta` Mejju 2007 sad-data tal-eventwali pagament ta` din is-somma.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta` Mejju 2007 kontra s-socjeta` ntimata li hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-kumpannija konvenuta prezentata fl-4 ta` Dicmbru 2007 li taqra hekk –

*1. Illi l-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici mhumiex kontestati.*

*2. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi l-attrici kienet innotifikata lill-broker taghha u mhux lill-kumpannija assikuratrici Citadel Insurance plc.*

*3. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici mhumiex kontestati.*

*4. Illi dwar il-fatti kif dikjarati fir-raba` paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ghandu jigi pprecizat li l-posizzjoni ta` l-esponenti kienet li ma kinitx responsabbli li thallas a tenur ta` l-istess polza. Ghandu jigi sottolineat li l-assigurata kienet il-Malta Stock Exchange.*

*5. Illi l-fatti kif dikjarati fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici mhumiex kontestati.*

*6. Illi dwar il-fatti kif dikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici l-esponenti jirreferu ghas-sentenza in kwistjoni u jirrservaw li jikkumentaw fi stadju ulterjuri.*

*7. Illi l-fatti kif dikjarati fis-seba` paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici mhumiex kontestati.*

*8. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tmien paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici mhumiex kontestati.*

*9. Illi l-fatti kif dikjarati fid-disa` paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi fil-fatt l-esponenti qatt ma accettat li kienet responsabbli ghal xi danni fil-konfront tar-rikorrent izda hallset dak li kien minnha dovut ai termini tal-polza.*

*10. Illi dwar il-fatti kif dikjarati fl-ghaxar paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici l-esponenti jirriservaw il-pozizzjoni taghhom billi l-ittra ufficjali tghid dak li tghid. Illi l-esponenti kkontestat ir-responsabbilta` b`ittra ufficjali responsiva kopja ta` liema hi hawn annessa (CIT01). Illi l-fatti kkoncernati d-danni huma kkontestati u dan kif ser jirrizulta minn din in-nota ta` eccezzjonijiet u kif ser jigi spjegat aktar dettaljatament waqt is-smigh tal-kawza. Ghandu jigi pprecizat ukoll li l-Malta Stock Exchange ma gietx ipprivata mit-tgawdija tal-flus taghha u ghalhekk ma tistax tfittex ghad-danni.*

*11. Illi l-fatti dikjarati fil-hdax il-paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kkontestati billi l-esponenti mhijiex responsabbli li thallas danni lill-attrici.*

*12. Illi l-eccipjenti qieghda tressaq is-segwenti eccezzjonijiet kontra t-talbiet tar-rikorrenti.*

*12.1. Fl-ewwel lok li l-kumpanija Citadel Insurance plc m`ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-werrieta ta` Alfred Camilleri billi l-assigurata taghha kienet il-Malta Stock Exchange.*

*12.2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost illi l-Malta Stock Exchange ma sofriet ebda dannu kif minnha reklamat billi hi effettivament ma kienet sejra taghmel xejn mill-flejjes dovuti skond il-polza hlief li tghaddihom lill-werrieta ta` Alfred Camillieri, haga li fil-fatt*

*ghamlet biss malli rceviethom minghand il-kumpanija eccipjenti. Illi l-pozizzjoni forsi kienet tkun differenti kieku l-Malta Stock Exchange hallset il-korrispettiv tal-polza lill-werriet ta` Alfred Camilleri fl-1992 u ghalhekk il-Malta Stock Exchange ma sofriet ebda dannu.*

*12. 3. Illi fit-tielet lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi qualsiasi kaz l-attrici m`hijiex intitolata ghal danni a bazi tal-Artiklu 1139 tal-Kodici Civili u dan ghal dawk ir-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza.*

*12. 4. Illi fir-raba` lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi qualsiasi kaz l-eccipjenti mhijiex responsabbli ghal danni billi hi agixxiet ragonevolment u in buona fede fil-konfront tal-atturi u fil-fatt hallset l-ammont dovut skond il-polza a bazi ta` sentenza finali fic-citazzjoni 953/93. Illi l-eccipjenti ma tahtix ghad-dewmien fil-kawza in kwistjoni billi segwiet l-istess diligentement.*

*12. 5. Illi fil-hames lok, sussidjarjament u bla pregudizzju ghas-suespost li, mhumiex dovuti imghaxijiet fuq ammont, li ghalih qatt ma saret kawza mill-atturi quddiem Qorti Civili la biex jigi likwidat u wisq anqas biex jigi mhallas, u dan in vista tal-principju `in liquidantis non fit mora`.*

*12. 6. Illi fis-sitt lok, li r-riserva tad-danni fic-citazzjoni numru 953/93 kienet intiza biss ghall-ammont principali pagabbli a tenur tal-polza u dan kif jirrizulta mid-dicitura tat-talbiet attrici f`dik il-kawza. Ir-riserva tad-danni kienet tfisser riserva li tigbor l-ammont dovut skond il-polza.*

*12. 7. Illi kompletament bla pregudizzju ghas-suespost it-talba ghad-danni, in kwantu mhux limitata ghall-ammont pagabbli skond il-polza hija preskritta bid-dekors tat-terminu ta` sentejn.*

*12. 8. Illi fi qualsiasi kaz it-tielet talba attrici tmur kontra d-dispozizzjonijiet ta` ordni pubbliku billi qieghed jintalab imghax fuq imghax.*

*12. 9. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fi qualsiasi kaz, li l-ammont mitlub jirrapprezenta imghaxijiet li jeccedu l-kapital u ghalhekk mhux permessibbli skond il-ligi.*

*12.10. Illi bla pregudizzju ghas-suespost li t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

*12.11. Illi ghal kull buon fini qieghed jigi ndikat mill-eccipjent li l-eccezzjonijiet hawn moghtija huma separati u ndipendenti minn xulxin u qeghdin jinghataw kull wahda bla pregudizzju ghall-ohrajn.*

*12.12. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta` Jannar 2008 fejn din il-Qorti diversament presjeduta tat direzzjoni lill-partijiet illi kellha tigi trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Idderigiet ukoll lill-konvenut noe sabiex jindika l-artikoli tal-ligi illi fuqhom kien qieghed jibbaza dik l-eccezzjoni.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta` Marzu 2008 fejn id-difensur tal-konvenut noe iddikjara li kienet qeghda tigi eccepita l-preskrizzjoni tas-sentejn fir-rigward tad-danni u dik tal-hames snin fir-rigward tal-imghax. Kien sejjer jindika l-artikolu permezz ta` nota.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-28 ta` Marzu 2008 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza fl-ismijiet "*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*" (Citaz. Nru. 953/93) li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Jannar 2007.

**Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*" (Citaz. Nru. 953/93) li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Jannar 2007 li jikkostitwixxu prova fil-kawza tal-lum.**

Rat in-nota tal-konvenut noe (fol 59) fejn indika illi l-preskrizzjoni kienet eccepita a bazi tal-Art.2153 u tal-Art.2156 tal-Kap.16.

Rat in-nota b`dokument prezentata mill-konvenut noe fit-18 ta` Gunju 2008 (fol 62 sa fol 68).

Rat in-noti ta` sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (fol 74 sa fol 88).

Rat is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta li nghatat fit-8 ta` Ottubru 2008 (fol 91 sa fol 103) fejn kienet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-Art.2153 tal-Kap.16 u tal-hames snin skond l-Art.2156 tal-Kap.16.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta` Ottubru 2008 (fol 108) fejn laqghet it-talba tal-

kumpannija konvenuta biex tinterponi appell mis-sentenza *in parte* dwar il-preskrizzjoni.

Rat is-sentenza ta` l-Qorti tal-Appell li nghatat fit-28 ta` Mejju 2010 (fol 141 sa fol 149) fejn kien michud l-appell tal-kumpannija konvenuta bl-atti jigu rinvijati lil din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-atturi fl-udjenza quddiem din il-Qorti kif presjeduta tas-6 ta` Dicembru 2010 (fol 155) fejn bhala prova dwar il-mertu kien qieghed jistrieh fuq l-atti tal-kawza fl-ismijiet “*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*” (Citaz. Nru. 953/93) li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Jannar 2007. Ghalhekk iddikjara illi l-atturi ma kellhomx aktar provi x`iressqu.

Rat id-dikjarazzjoni tal-gheluq tal-provi min-naha tal-kumpannija konvenuta li saret mid-difensur taghha fl-udjenza tal-21 ta` Marzu 2011 (fol 157).

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet dwar il-mertu (fol 159 sa fol 165 u fol 168 sa fol 172).

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2011 (fol 173 sa fol 177).

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti.

**Ikkunsidrat :**

## II. Fatti

Permezz ta` citazzjoni li pprezentaw fid-9 ta` Lulju 1993 kontra l-kumpannija konvenuta fil-kawza fl-ismijiet "*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*" (Citaz. Nru. 953/93), l-atturi, ghar-ragunijiet illi fuqhom bnew il-premessi tal-istanza taghhom, talbu lill-Qorti sabiex *tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija obbligata thallas id-danni kollha risultanti mill-mewt ta` Alfred Camilleri lis-socjeta` attrici skond it-termini tal-Polza ta` Assikurazzjoni Numru AC5900592006351 mahruga minnha favur l-istess socjeta` attrici.* Fl-istess istanza, l-atturi rriservaw li jitolbu l-likwidazzjoni tal-istess danni f`gudizzju separat. Dik il-kawza ghaddiet in gudikat fid-9 ta` Jannar 2007 wara li l-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza ta` din il-Qorti tat-28 ta` Jannar 1999 illi kienet laqghet it-talba attrici. Wara illi kien deciz l-appell, il-kumpannija konvenuta hallset is-somma ta` Lm100,000 illi kien l-ammont ta` danni patwit illi kellu jithallas skond il-polza ta` assikurazzjoni de qua.

**Ikkunsidrat :**

## III. Risultanzi

Billi sar il-hlas ta` l-Lm100,000 skond il-polza wara li s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*" (Citaz. Nru. 953/93) ghaddiet in gudikat, ma kienx hemm htiega ghall-atturi illi jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni skond il-polza f`gudizzju separat. Li ghamlu pero` l-atturi kien illi jistitwixxu l-kawza tal-lum fejn fl-ewwel lok talbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-hlas ta` danni ghal **dewmien** fit-twettieq tal-obbligazzjoni li l-kumpannija konvenuta kellha a tenur tal-polza ta` assikurazzjoni de qua. Fit-tieni lok, ikkwantifikaw id-danni fl-ammont tas` Lm 115,801 u cioe` imghax ta` 8% fis-sena fuq Lm100,000 bejn it-18 ta` Novembru 1992 (data tal-mewt ta` Alfred Camilleri) u s-7 ta` Mejju 2007 (data li fiha sar il-

hlas). Fit-tielet lok, talbu mbaghad il-hlas ta` imghax ta` 8% fuq is-somma kapitali ta` Lm115,801 b`effett mit-8 ta` Mejju 2007 sad-data tal-effettiv pagament.

Skond l-atturi, l-azzjoni taghhom issib fondament fl-**Art.1047 u l-Art.1139 tal-Kap.16**,

L-**Art.1047(1)** tal-Kap.16 jaqra hekk –

*Il-hsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-uzu tal-flus taghha, tissewwa bil-hlas ta' l-imghaxijiet li jinqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena.*

L-**Art.1139** tal-Kap.16 jaqra hekk –

*Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-garanzija u s-socjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.*

Abbazi ta` l-**Art.1139**, *dewmien ta' l-esekuzzjoni* ta` obbligazzjoni li *jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata* huwa meqjus bhala *danni*. Il-ligi ma tieqafx hemm. Tghid ukoll kif jigu likwidati dawk id-*danni* u cioe` dawn huma *l-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.*

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, l-atturi jaghmlu enfasi fuq l-Art.1139 u jghidu hekk –

*Illi l-Artiklu 1139 tal-Kodici Civili jistabilixxi tliet kondizzjonijiet li jridu jigu sodisfatti biex it-talbiet tar-rikorrenti jigu akkolti u cioe` (A) il-hlas ta` somma determinata tad-danni reklamati ; (B) dewmien tal-*

*obbligazzjoni tal-hlas (C) dan id-dewmien huwa ingustifikat.*

Isostnu l-atturi illi fil-kaz tal-lum it-tliet kondizzjonijiet avveraw ruhhom.

Il-pern tal-istanza attrici hija l-ewwel talba. Jinghad illi ma kenitx fattwalment korretta l-kumpannija konvenuta meta, fis-sottomissjonijiet finali, id-difensur taghha qal testwalment a fol 177 – *Ahna qed nighidu li fir-realta` l-azzjoni hija fil-verita` hi imghaxijiet li* <u>*nesa*</u> *li jitlob fl-ewwel kawza u issa qed jippruvaw ipinguha bhala danni.* (sottolinear ta` din il-Qorti). Dan mhux korrett. Fil-kawza fl-ismijiet "*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*" (Citaz. Nru. 953/93) l-azzjoni attrici kienet impostata u ntiza <u>biss</u> sabiex tkun ottenuta <u>dikjarazzjoni ta` responsabilita`</u> ghall-hlas ta` danni a tenur tal-polza, u nghad car illi l-likwidazzjoni ta` dawk id-danni kienet sejra tintalab f`gudizzju separat. Ghalhekk ma qatt il-hsieb tal-atturi fil-kawza fl-ismijiet "*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*" (Citaz. Nru. 953/93) jitolbu hlas ta` imghax ghax hemm talbu biss dikjarazzjoni ta` responsabilita` ta` danni (<u>mhux</u> il-likwidazzjoni taghhom) a tenur tal-polza de qua.

Li trid tistabilixxi din il-Qorti huwa jekk kienx hemm dewmien da parti tal-kumpannija konvenuta li twettaq l-obbligazzjoni li kellha skond il-polza ta` assikurazzjoni b`mod illi jiskattaw kontra taghha d-danni li jahseb ghalihom l-<u>**Art.1139**</u> tal-Kap.16. L-atturi jikkontendu illi ladarba l-polza de qua kienet tahseb ghall-hlas tas-somma ta` Lm100,000 fil-każ tal-mewt ta` Alfred Camilleri, skond *schedule of benefits* li kien jaghmel parti integrali mill-polza, liema pagament sar biss wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*" (Citaz. Nru. 953/93), dak id-dewmien kien ingustifikat, u jaghti lok ghal risarciment ta` danni skond l-<u>**Art.1139**</u>.

Fil-kawza fl-ismijiet "*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*" (Citaz. Nru. 953/93), il-kumpannija konvenuta kienet qeghda tghid illi kellha kull dritt tirrifjuta li teffettwa l-hlas tas-somma patwita fil-polza ghaliex il-polza ma kenitx taghti kopertura ghall-incident li wassal ghall-mewt ta` Alfred Camilleri (ara l-ittra ta` David Curmi tat-3 ta` Marzu 1993 li tghid - "*We regret to inform you that the claim cannot be met because cover did not attach at the time of the happening of the accident in question.*")

Lill-Ewwel Qorti li fit-28 ta` Jannar 1999 iddecidiet il-kawza fl-ismijiet "*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*" (Citaz. Nru. 953/93) irrizultalha waqt l-<u>accertament tal-fatti</u> illi *l-intenzjoni tal-partijiet kienet li tinhareg polza li tkun tkopri l-impjegati tal-Borza ta` Malta* (Alfred Camilleri kien Chairman tal-Borza ta` Malta) *meta dawn isiefru barra mill-pajjiz fuq xoghol ta` l-istess Borza. Ma jidhirx li waqt dawn l-istess negozjati* (u cioe` li wasslu biex saret il-polza) *giet diskussa x`kellha tkun il-posizzjoni tal-polza f`kaz ta` mumenti ta` skopijiet privati jew familjari fil-kuntest ta` vjagg ghax-xoghol* (Alfred Camilleri miet il-Brazil fejn kien mar ghal xoghol tal-Borza ta` Malta meta kien ma` familjari tieghu). *Ghalhekk ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim specifiku dwar dan bejn il-partijiet.* Ghal din ir-raguni u ohrajn, l-Ewwel Qorti laqghet it-talba tal-atturi.

**Fil-kawza fl-ismijiet "*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*" (Citaz. Nru.953/93), ma jirrizultax illi l-istanza attrici kienet kontestata mill-kumpannija konvenuta abbazi tal-fatt illi t-talba tal-atturi kienet limitata ghal dikjarazzjoni mill-qorti li l-kumpannija konvenuta kienet obbligata taghmel tajjeb ghad-danni risultanti mill-mewt ta` Alfred Camilleri skond il-polza. Messu allura kien evidenti *in limine litis* ghall-kumpannija konvenuta illi, bl-impostazzjoni tal-kawza mill-atturi, dawn fil-kaz ta` gudikat favorevoli ghalihom ma kienux sejrin jieqfu semplicement fuq l-accettazzjoni tal-hlas tas-somma stabbilita fil-polza, li kienet notevoli, izda li ben koxjenti mill-portata tal-**

**Art.1139, kienu se jmorru ghall-hlas tal-imghax, ladarba si trattava ta` obbligazzjoni *ex contractu* naxxenti minn kuntratt ta` assikurazzjoni li kien jahseb ghall-hlas ta` somma determinata fil-kaz illi jsehh patt kontemplat mill-polza.** Eppure ghalkemm l-Ewwel Qorti accertat il-fatti, il-kumpannija konvenuta ghazlet illi tmur ghall-appell li kien deciz finalment mill-Qorti tal-Appell tmien snin wara s-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet "*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*" (Citaz. Nru.953/93), il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, wara li anke hi ghamlet analizi tal-fatti accertati li ma kienux jikkonfortaw it-tesi tal-kumpannija konvenuta. Eppure minkejja li l-Qorti tal-Appell ippronunzjat ruhha kjarament dwar it-talba attrici, il-kumpannija konvenuta effettwat il-hlas tas-somma patwita fil-polza erba` xhur wara.

Ghalkemm is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza tal-lum tat-28 ta` Mejju 2010 kienet tittratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, il-Qorti tal-Appell, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjoni, kellha tidhol necessarjament fil-kwistjoni ta` meta beda jiskatta d-dritt ta` azzjoni tal-attrici ghal danni, u biex taghmel hekk, kellha necessarjament tqis l-implikazzjonijiet tas-sentenza tad-9 ta` Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet "*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*" (Citaz. Nru.953/93) u tidhol fil-mertu. Infatti il-Qorti tal-Appell ghamlet din l-osservazzjoni –

*Bis-sentenza moghtija fit-28 ta` Jannar 1999, kif ikkonfermata minn din il-Qorti b`sentenza tad-9 ta` Jannar 2007, kien gie determinat id-dritt tal-atturi u konsegwentement l-obbligu tas-socjeta` konvenuta li tonora l-claim li kienet saritilha. Il-pagament tal-LM100,000 kien konsegwenza naturali tal-kopertura kontemplata fl-istess polza. F'dak il-mument, għalhekk, twieled id-dritt tal-atturi li jistitwixxu dawn il-proceduri billi rriżulta li c-cahda tal-assikurazzjoni li tonora l-polza kienet*

*ingustifikata u konsegwentement id-dewmien fil-ħlas kien daqstant ingustifikat. Jista' jingħad ukoll, f`dan il-kuntest, li ma kien hemm xejn xi jżomm lis-socjeta` konvenuta li, wara s-sentenza ta` din il-Qorti ta` Jannar, 2007, ma tħallasx il-kumpens dovut billi f'dik is-sentenza ma jissemma` ebda ammont. F'dik l-eventwalita` l-atturi odjerni, atturi f'dik il-kawża, kienu jkunu kostretti jipproeedu għar-riżareiment tad-danni skond il-polza u f`dak il-każ, billi hemm kien ikun meħtieg li jissemma' ammont, kien ikun opportun li jintalbu l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv. A propozitu, din il-Qorti f`sentenza moghtija fis-26 ta` Gunju 2009 fil-kawza fl-ismijiet* ***Muscat v. Muscat Scerri*** *f`sitwazzjoni analoga iccitat b`approvazzjoni dak li kienet qalet il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kawza* ***Portelli v. Attard*** *deciza fl-20 ta` Marzu 1997 fejn gie ritenut li "meta d-danni ma jigux determinati f`mument wiehed, izda jibqghu javveraw ruhhom tul iz-zmien, b`mod li jista` jinghad li l-hsara qeghda kontinwament issir, kif jidher li qed jigri f`dan il-kaz, it-terminu ta` preskrizzjoni jkun kontinwament qed jigi 'interrott', u dan it-terminu ma jibdiex ighaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xogholijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf milli tkompli ssir." Fil-każ in eżami mhux qed nitkellmu dwar xogħlijiet, iżda l-principju jibqa` l-istess billi l-ħsara, ossia dannu, soffert mill-atturi baqa` dejjem jiżdied kemm damet is-socjeta` konvenuta tippersisti fil-kontenzjoni tagħha li ma kinitx obbligata li tħallas skond il-polza. Fil-mument li dan l-obbligu gie determinat u saħansitra fil-mument li sar il-pagament a tenur tal-polza ta' assikurazzjoni, l-atturi setgħu jistabilixxu l-ammont ta' danni lilhom dovuti a tenur tal-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Liāijiet ta' Malta. Qabel ma gara dan, id-danni reklamati baqgħu dejjem jiżdiedu dietim, bil-konsegwenza li l-preskrizzjoni ma setgħetx tibda tiddekorri.*

Din il-Qorti taghmel taghha il-bran citat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell ghall-fini tal-accertament tal-mertu.

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta kif jinsabu dedotti fis-subparagrafi numerati minn 1 sa 12 tal-paragrafu 12 tar-risposta guramentata –

*12.1. Fl-ewwel lok li l-kumpanija Citadel Insurance plc m`ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-werrieta ta` Alfred Camilleri billi l-assigurata taghha kienet il-Malta Stock Exchange.*

Din l-eccezzjoni qeghda tkun respinta ghall-istess ragunijiet illi tat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tad-9 ta` Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet "*Patrick Staines noe vs David Curmi noe*" (Citaz. Nru.953/93).

*12.2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost illi l-Malta Stock Exchange ma sofriet ebda dannu kif minnha reklamat billi hi effettivament ma kienet sejra taghmel xejn mill-flejjes dovuti skond il-polza hlief li tghaddihom lill-werrieta ta` Alfred Camillieri, haga li fil-fatt ghamlet biss malli rceviethom minghand il-kumpanija eccipjenti. Illi l-pozizzjoni forsi kienet tkun differenti kieku l-Malta Stock Exchange hallset il-korrispettiv tal-polza lill-werriet ta` Alfred Camilleri fl-1992 u ghalhekk il-Malta Stock Exchange ma sofriet ebda dannu.*

Din l-eccezzjoni qeghda tkun respinta ghaliex id-dewmien fit-twettieq tal-obbligazzjoni kien jolqot lill-atturi kollha.

*12. 3. Illi fit-tielet lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi qualsiasi kaz l-attrici m`hijiex intitolata ghal danni a bazi tal-Artiklu 1139 tal-Kodici Civili u dan ghal dawk ir-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza.*

Din l-eccezzjoni qeghda tkun respinta ghar-ragunijiet diga` moghtija.

*12. 4. Illi fir-raba` lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi qualsiasi kaz l-eccipjenti mhijiex responsabbli ghal danni billi hi agixxiet ragonevolment u in buona fede fil-konfront tal-atturi u fil-fatt hallset l-ammont dovut skond il-polza a bazi ta` sentenza finali fic-citazzjoni 953/93. Illi l-eccipjenti ma tahtix ghad-dewmien fil-kawza in kwistjoni billi segwiet l-istess diligentement.*

Din l-eccezzjoni qeghda tkun respinta ghar-ragunijiet diga` moghtija, bl-aggunta illi l-obbligu tal-kumpannija konvenuta illi tesegwixxi l-obbligi kontrattwali taghha in buona fede (kif ighid l-Art.993 tal-Kap.16) *e` venuto meno* hekk kif naqset illi tonora l-obbligi taghha kontrattwali f`cirkostanzi ta` fatt u ta` dritt fejn dawk l-obbligi kienu accertati.

*12. 5. Illi fil-hames lok, sussidjarjament u bla pregudizzju ghas-suespost li, mhumiex dovuti imghaxijiet fuq ammont, li ghalih qatt ma saret kawza mill-atturi quddiem Qorti Civili la biex jigi likwidat u wisq anqas biex jigi mhallas, u dan in vista tal-principju `in liquidantis non fit mora`.*

Din l-eccezzjoni qeghda tkun respinta ghaliex il-principju `*in liquidantis non fit mora*` mhuwiex applikabbli fil-kaz tal-lum in vista ta` dak illi jghid l-Art.1139 tal-Kap.16. Infatti fl-Art.1139 issir riferenza ghal obbligazzjoni li "*jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata*". Il-legislatur ried li l-kontestazzjoni tkun wahda limitata u cirkoskritta b'somma rapprezentanti kreditu semplici. Kien ghalhekk li nholqu l-eccezzjonijiet ghar-regola *in illiquidis*, biex il-kreditur ma jigix penalizzat minhabba d-dewmien ta` proceduri gudizzjarji specjalment meta l-ammont seta' facilment jigi determinat fi stadju bikri tal-proceduri. Fil-kaz tal-lum, l-ammont kien determinat u l-kumpannija konvenuta ma effettwatx il-hlas ghax qalet li ma kellha l-ebda obbligu illi taghmel hekk.

*12. 6. Illi fis-sitt lok, li r-riserva tad-danni fic-citazzjoni numru 953/93 kienet intiza biss ghall-ammont*

*principali pagabbli a tenur tal-polza u dan kif jirrizulta mid-dicitura tat-talbiet attrici f`dik il-kawza. Ir-riserva tad-danni kienet tfisser riserva li tigbor l-ammont dovut skond il-polza.*

Din l-eccezzjoni qeghda tkun respinta ghaliex ma tirrizultax ippruvata mill-kumpannija konvenuta li lilha kienet tinkombi dik il-prova.

*12. 7. Illi kompletament bla pregudizzju ghas-suespost it-talba ghad-danni, in kwantu mhux limitata ghall-ammont pagabbli skond il-polza hija preskritta bid-dekors tat-terminu ta` sentejn.*

Din l-eccezzjoni kienet respinta b`sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta` Mejju 2010.

*12. 8. Illi fi qualsiasi kaz it-tielet talba attrici tmur kontra d-dispozizzjonijiet ta` ordni pubbliku billi qieghed jintalab imghax fuq imghax.*

Din l-eccezzjoni qeghda tkun respinta ghaliex essenzjalment bit-tielet talba mhuwiex qieghed jintalab imghax fuq imghax izda qieghed jigi invokat l-Art.1047(1) tal-Kap.16 li jahseb ghad-dekorrenza ta` imghax ta` 8% fis-sena meta persuna tittellef mill-uzu ta` flusha. L-imghax ta` 8% skond l-Art.1139 qieghed jinghata bhala dannu accertat ghal dewmien. Mela ma hemm l-ebda kwistjoni ta` imghax fuq imghax.

*12. 9. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fi qualsiasi kaz, li l-ammont mitlub jirrapprezenta imghaxijiet li jeccedu l-kapital u ghalhekk mhux permessibbli skond il-ligi.*

Din l-eccezzjoni qeghda tkun respinta billi dak tal-lum mhuwiex kaz ta` imghax *ultra duplum.*

*12.10. Illi bla pregudizzju ghas-suespost li t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Din l-eccezzjoni qeghda tkun respinta ghar-ragunijiet diga` moghtija.

*12.11. Illi ghal kull buon fini qieghed jigi ndikat mill-eccipjent li l-eccezzjonijiet hawn moghtija huma separati u ndipendenti minn xulxin u qeghdin jinghataw kull wahda bla pregudizzju ghall-ohrajn.*

Ma hemmx lok illi din l-eccezzjoni tinghata konsiderazzjoni.

*12.12. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Din l-eccezzjoni qeghda tkun respinta ghar-ragunijiet diga` moghtija.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-kumpannija konvenuta.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici in linea ta` danni s-somma ta` mitejn disgha u sittin elf seba` mija tlieta u erbghin Ewro sebgha u sebghin centezmu**

**(€269,743.77) ekwivalenti ghal mija u hmistax-il elf tmien mija u wiehed flus Maltin (Lm115,801.00) rapprezentanti imghax tat-tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma ta` mitt elf lira flus Maltin (Lm100,000) ghal perijodu ta` bejn 18 ta` Novembru 1992 u t- 8 ta` Mejju 2007 skond il-ligi kif fuq premess.**

**Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas ukoll lis-socjeta` attrici l-imghax fuq l-imsemmija somma ta` mitejn disgha u sittin elf seba` mija tlieta u erbghin Ewro sebgha u sebghin centezmu (€269,743.77) ekwivalenti ghal mija u hmistax-il elf tmien mija u wiehed flus Maltin (Lm115,801.00) b`effett mit-8 ta` Mejju 2007 sad-data tal-eventwali pagament ta` din is-somma.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta` Mejju 2007.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------